MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 379/2006

Kawza fil-lista: 29

**A C**
**vs**
**Dr Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2006 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti B D, E F G; Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-attur kien mizzewweg lill-konvenuta B D nee D, liema zwieg illum spicca.

2. Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, il-konvenuta E F G nee C nhar il-21 ta' Frar 1955.

3. Illi l-attur dejjem haseb li l-konvenuta E F G hija bintu naturali u dan ghax l-ex mara tieghu B D qatt ma qaltlu l-kontra.

4. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid, l-attur huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifla il-konvenuta E F G.

5. Illi da ricenti, bint l-attur, u cioe’ l-konvenuta E F G nfurmatu li xtaqet taghmel id-DNA test biex tara jekk huwiex il-missier naturali taghha u dan minghajr ma tatu l-ebda raguni ghaliex qed tahseb li ma kienx missierha.

6. Illi l-attur accetta u mar fir-residenza ta' bintu fejn kien hemm Dr. Isabella Borg u ghamlitilhom id-DNA test.

7. Illi tnax-il gurnata wara li sar id-DNA test, l-attur irciea telefonata minghad Dr. Isabella Borg u qaltlu li mid-DNA test irrizulta li hu ma kienx il-missier naturali tal-konvenuta Janie F G.

8. Illi E F G kienet cemplet lill-attur wara dakinhar u kienet qaltlu li taf min hu missierha naturali.

9. Illi kif se jirrizulta waqt is-smiegh u t-tratazzjoni ta' din il-kawza u kif diga' jirrizulta mir-rizultat tad-DNA tests maghmula fuq A C u fuq E F G, il-missier naturali tal-konveuta E F G mhuwiex l-attur A C.

10. Illi l-konvenuta B D tghix l-Amerka u ghalhekk kellu jigi ntavolat rikors biex jinhatru kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-interessi ta' l-imsemmija B D.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-attur A C m'huwiex il-missier naturali tal-konvenuta E F G.

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-imsemmija E F G, billi f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier il-wild , fejn hem m mnizzel li isem il-missier huwa l-attur bid-dettalji tieghu, dawn jigu mhassra u jigi mnizzel illi l-wild msemmija hija ta' missier mhux maghruf.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku ta' dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-Direttur tar-Registru Pubbliku[1] li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna ta' denegata paternita hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi ghandu jigi specifikat fit-talbiet in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid relattiv li huwa 982 tas-sena 2005.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

[1] Fol. 21

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-assenti B D li permezz taghha iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti.[2]

Rat ir-risposta ulterjuri tad-Direttur tar-Registru Pubbliku[3] li permezz taghha eccepixxa li din il-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza guridika illi tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fl-Att ta' Twelid li hu registrat fid-Distrett ta' Stepney, f'Londra, l-Ingilterra.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta E F G[4] li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, il-Qrati Maltin ma ghandhomx gurisdizzjoni sabiex jiehdu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante illi l-Qrati Maltin ma jistghux jordnaw il-korrezzjoni ta' Att ta' Twelid mahrug minn awtoritajiet esteri;

Fit-tieni lok, u minghajr pregudzzju ghall-premess, u wkoll b'mod preliminari, l-azzjoni attrici hija improponibbli stante illi l-eccipjenti twieldet barra mum Malta, fl-Ingilterra, u l-Ligi taghna ma tikkontemplax azzjoni ta' denegata paternita f'kaz illi l-wild ikun twieled barra minn Malta;

Illi preliminarjament ukoll, izda minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors tat-terminu perentorju ta' sitt xhur a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artiko1u 73 ta1-Kodici Civili;

Illi dejjem b'rnod preliminari, jigi eccepit ukoll illi l-azzjoni attrici hija improponibbli stante illi l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, jekk il-wild ikun akkwista 1-istat ta' iben 1egittimu mill-att u l-pussess ta' l-istess stat jaqbel ma' tali att, u dan ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 81 (2) tal- Kodici Civili;

Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi, l-attur ghandu jgib dawk il-provi li

[2] Fol. 26
[3] Fol. 30
[4] Fol. 42

huma strettament rikjesti ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 70 tal-Kodici Civili, u fin-nuqqas, it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda;

Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-£att u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

Illi minghajr pregudizzju, fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din l-istanza stante illi hija ma l-ebda tort ghall-fatti allegati li jistghu jaghtu lok ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici."

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet[5] tad-Direttur li permezz tagha issottometta (1) li in vista tal-emenda tal-proviso tal-Artikolu 73 (C) tal-Kap 16 l-attur setgha juzufruwixxi ruhu mid-dritt moghti bl-emenda li jitlob il-permess li jipprocedi gudizzjarment sabiex jichad it-tifla imwielda matul iz-zwieg tieghu ma' martu u (2) illi jekk il-Qorti ser tillimita ruhha li tippronunzja decizzjoni fuq il-filjazzjoni minghajr ma tordna korrezzjonijiet fl-att tat-twelid allura d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma huwiex legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi din il-Qorti diversament preseduta kienet ordnat il-kjamat in kawza tar-Registratur tad-Distrett ta' Stapney, Londra, b'digriet tas-7 ta' Jannar 2009. Wara diversi tentativi ta' notifika, fil-15 ta' Gunju 2011 din l-awtorita' Brittannika eventwalment irrifjutat li tigi notifikata bl-atti gudizzjarji ta' din il-kawza.

Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2011[6] l-attur ceda l-kawza fil-konfront tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tad-Distrett ta' Stapney kif ukoll fil-konfront tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta u ghalhekk il-Qorti mhiex ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-risposta guramentata u n-nota ulterjuri tal-konvenut Direttur.  Fl-istess seduta l-attur irtira t-tieni talba attrici filwaqt li zamm ferm l-ewwel talba ta' denegata parternita'.

---

[5] Fol. 47
[6] Fol. 182

Fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2012[7] il-konvenuta E F G irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha. Fis-seduta tal-21 ta’ Frar 2012[8] l-istess konvenuta irtirat it-tieni eccezzjoni taghha u zammet ferm il-kumplament tal-eccezzjonijiet l-ohra.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fil-11 ta’ Ottubru 2012 fuq rikors tal-attur fejn talab lli jigi awtorizzat jipprocedi b’kawza sabiex jichad bhala bintu lil E F G. B’dan id-digriet l-attur gie awtorizzat jiprocedi gudizzjarment kif talab filwaqt li thalliet impregudikata il-kwistjoni ta’ bejn il-partijiet jekk tali awtorizzazzjoni kenitx tissana l-proceduri gudizzjarji odjerni illi gew intavolati hamsin sena wara t-twelid tal-konvenuta u gew intavolati meta ma kenitx ghadha dahlet fis-sehh l-emenda li permezz taghha wara l-iskadenza ta’ sitt xhur mit-twelid ta’ tarbija fiz-zwieg, ir-ragel tal-omm jista’ jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jintavola l-kawza ta’ denegata paternita’.

Rat li fis-seduta tal-25 ta’ April 2013 l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat.

B’konsegwenza tac-cessjoni tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Direttur u tal-kjamat in kawza, il-Qorti qed testrometti minn dawn il-proceduri sew lid-Direttur konvenut kif ukoll lid-Direttut kjamat in kawza. Ghalhekk il-Qorti mhiex ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-risposti tal-konvenut Direttur.

In segwitu ghac-cessjoni tat-tieni talba attrici jonqos biss li tigi trattata l-ewwel talba flimkien mal-ahhar hames eccezzjonijiet tal-konvenuta G stante li fil-mori cediet l-

[7] Fol. 196
[8] Fol. 197

ewwel zewg eccezzjonijiet taghha li taghhom il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni aktar.

**It-Tielet Eccezzjoni**.

Fit-tielet eccezzjoni taghha l-konvenuta G eccepiet illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 73 tal-Kodici Civili.

Jirrizulta li fiz-zmien li giet intavolata l-kawza u r-risposta guramentata tal-konvenuta G, il-ligi ma kenitx ghadha tippermetti li r-ragel ta' omm il-minuri jintavola kawza ta' *denegata paternita*' jekk ikunu iddekorrew aktar minn sitt xhur mill-jum tat-twelid jew mill-jum li fih jiskopri it-twelid tat-tarbija minnu mohbi.

Bl-Att III tal-2008 l-artikolu 73 tal-Kodici Civili gie emendat billi saret iz-zieda segwenti:-

"*Izda, minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 70, il-Qorti tal-Familja tista', wara li jsir rikors mir-ragel u, jekk ikun possibbli, wara li tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-ragel u tat-tifel, f'kull zmien tawtorizza lir-ragel biex jibda kawza biex jichad tifel imwieled matul iz-zwieg lil martu.*

*Izda wkoll, meta kawza sabiex jiġi michud tifel issir mir-raġel wara li jkunu ghaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (c) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha t-tifel jiġi michud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna ohra li tkun hadet kunjomha minghand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet maghmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawza jew b'rikors separat maghmul matul il-kawza, ma tipprovdix xort'ohra*."

Tali emenda giet introdotta wara decizzjoni moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li kienet sabet illi l-projbizzjoni assoluta tal-ligi kif kienet qabel l-emenda, li zzomm ragel milli jattakka l-paternita' tieghu ta' iben

imwieled minn martu jekk ma jfittiex fi zmien sitt xhur mit-twelid, tikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha l-konvenuta G issostni illi l-emenda ma tapplikax ghall-kawza odjerna li kienet gia pendenti meta l-emenda dahlet fis-sehh u inoltre li d-digriet moghti minn din il-Qorti fit-11 ta’ Ottubrui 2012 m’ghandux l-effett li jissanzjona proceduri li inbdew b’mod irritwali izda biss li jawtorizza lill-attur odjern jistitwixxi proceduri godda.

Fir-rigward ta’ jekk l-emenda introdotta bl-Att III tal-2008 japplikax ghal kawzi pendenti, il-Qorti ezaminat l-Att III tal-2008 u ma jirrizultax li hemm provvedimenti rigwardanti l-aspett transitorju tal-emendi legislativi hemm promulgati. Issir ghalhekk referenza ghar-regoli generali tad-dritt rigwardanti ir-retroattivita’ tal-legislazzjoni. Hemm kazijiet fejn il-Legislatur jiddikjara fl-Att li jkun qed jemenda ligi gia’ ezistenti illi l-emendi introdotti jkollhom effett retroattiv. Kif rajna dan ma hux il-kaz fl-Att III tal-2008.

Fis-sentenza fl-ismijiet “**Emanuel Fava vs Profs. Albert Mamo et noe**”. moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru 2003, hemm rassenja tar-regoli tad-dritt rigwardanti l-aspett transitorju u retroattiv tal-legislazzjoni. F’dik il-kawza l-Qorti kienet qed tezamina jekk l-emenda li estendiet it-terminu ta’ dekadenza ghall-azzjoni redibitorja minn xahar ghal sitt xhur kelliex applikabilita’ retroattiva. Jinghad hekk:-

“(1) Kif sottomess mis-socjeta` konvenuta l-Att surreferit gie assentit mill-President fit-2 ta’ Dicembru 1994 u l-operabilita` tieghu ddahhlet in vigore fit-23 ta’ Jannar 1996 permezz ta’ l-Avviz Legali 7 ta’ l-1996. Minn dan biss huwa nkoncepibbli kif l-attur jippretendi illi azzjoni li kienet perenta fl-1994 bl-istat tal-ligi kif kienet qabel l-Att giet resuxxitata bis-sahha ta’ l-Att fl-1996;

(2) Intant ukoll fl-Att imsemmi ma nsibu l-ebda disposizzjoni dikjarattiva ta’ l-espressjoni illi l-emenda kellha tircievi applikabilita` b’ mod retro-attiv. Huwa veru li jezistu okkazzjonijiet fejn il-legislatur iddikjara ligi b’ effett

retro-attiv. Dan pero` mhux il-kaz hawnhekk billi dikjarazzjoni konsimili ma tezistix;

(3) Id-dritt transitorju jipprovdi b’ mod kategoriku u car illi anke fejn si tratta ta’ ligijiet fiskali:

(a) dawn huma soggetti bhal ligi komuni ghall-principju tan-non-retroattivita`;

(b) li l-attijiet u trasferimenti huma regolati mil-ligi antika li tahtha jkunu gew kompjuti;

(c) li l-attijiet mibdija taht il-ligi antika li jestendu ruhhom taht il-gdida ghandhom ikunu imperanti minn din l-ahhar ligi;

(d) li fejn jezisti veru u proprju dritt kwezit kompjut taht il-ligi antecedenti, dan ghandu effikacja fih innifsu li jirrizisti ghall-applikazzjoni tal-ligi, anki fiskali, gdida, f’ kaz ta’ mutament tal-ligi anterjuri;”

Fil-kawza “**Edgar Baldacchino *et* –vs- Onor. Dr. Tommoso Caruana Demajo *nomine et***”, deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fis-26 ta’ Frar 1954 (Vol. XXXVIII P I p 61) jinghad hekk:
“meta f’ ligi li tohrog ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem taghha ma jkunx jimporta retroattivita`, dik il-ligi ma ghandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun materja ta’ interess jew ordni pubbliku”.[9]

Fil-mori tal-kawza odjerna pero’ sehh zvilupp li jista’ jincidi fuq dan l-aspett procedurali tal-vertenza. B’digriet ta’ din il-Qorti tal-11 ta’ Ottubru 2012 l-attur odjern gie awtorizzat jipprocedi bl-azzjoni ta’ denegata paternita’.

Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b’sitwazzjoni fejn l-akkoljiment tal-eccezzjoni in dizamina ma jestingwiex

[9] Ara wkoll “**Chev. Antonio Cassar Torregiani vs Nutar Dr Vincenzo Gatt noe**”., Appell Civili, 12 ta’ Mejju 1950; “**Emanuel Mifsud vs Kummissarju ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp**”, Appell, 31 ta’ Mejju 1996.

definittivament l-azzjoni izda jwassal ghat-terminazzjoni ta' kawza li ilha pendenti mis-sena 2006 sabiex tigi istitwita ohra fuq l-istess premessi din id-darba in segwitu ghall-awtorizzazzjoni moghtija bid-digriet tal-11 ta' Ottubru 2012 fuq citat. Il-konvenuta G issottomettiet fin-nota taghha illi dan id-digriet ma jistax jissana kawza li giet istitwita b'mod irritwali.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-principju legali tal-'ius superveniens' zviluppat mill-Qrati f'kazijiet eccezzjonali.

Issir referenza ghall-kawza "**Carmelo Farrugia vs Michael Camenzuli**" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2011 fejn gie applikat il-principju ta' dritt imsejjah 'ius superveniens'u saret rassenja tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward.

Fil-kawza "**Tonna vs Grixti"** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' April 2002 l-azzjoni kienet giet istitwita quddiem il-Qorti tal-Magisrati meta l-kompetenza kienet dik tal-Prim' Awla. Fil-mori tal-kawza il-kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati giet estiza bil-konsegwenza li l-Qorti iddecidiet li l-Qorti tal-Magistrati kienet saret kompetenti.

Fil-kawza **"David Clarke nomine vs Dr Marco Griscti nomine"** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-22 ta' Marzu 1990 il-Qorti laqghet talba attrici ghall-esekuzzjoni ta' konvenju meta l-permess rikjest mill-ligi biex kompratur barrani jakkwista skond il-ligi vigenti dak iz-zmien gie ottenut fil-mori tal-kawza.

"illi *jus superveniens firmat actionem et exceptionem u ghalhekk jekk waqt il-kawza jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel kienet difettuza tigi msa*hha. *Il-fondament ta' dan huwa precizament l-ekonomija tal-gudizzju u tal-ispejjes."*

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"George Zahra vs Carmelo Chircop"** (8 ta' Frar 1960) fejn ordni ta' rekwizzjoni giet irtirata fil-mori tal-kawza, qalet "*illi l-ostakolu li kien hemm ghall-procedibilita' tal-attur*

*derivanti mill-hrug u permanenza tal-ordni ta' rekwizzjoni issa gie rimoss. Huwa veru li bhala norma d-dritt u l- interess tal-attur u l-kapacita' tieghu li jaghmel il-kawza ghandhom ikunu jezistu filwaqt li huwa jistitwixxi l-procediment; imma l-Qrati taghna bl-iskop li jevitaw molteplicita' ta' kawzi u spejjez inutili rrikonoxxew u applikaw id-duttrina tal-jus superveniens quod firmat actionem vel exceptionem, anke meta xi drabi d-dritt jissopravjeni jew ostakolu procedurali jitnehha, waqt li l-kawza tkun gia fil-grad ta' appell.*

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fejn l-attur huwa llum il-gurnata awtorizzat li jistitwixxi kawza ta' denegata paternita', il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tapplika l-principji fuq enunzjati u bis-sahha tal-principji tal-ius superveniens tiddikjara illi bis-sahha tad-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Ottubru 2012 l-ostakolu procedurali ghall-prosegwiment tal-kawza issa gie rimoss.

Ghal dawn il-motivi it-tielet eccezzjoni ser tigi respinta.

**Ir-raba' eccezzjoni**.

Permezz tar-raba' eccezzjoni taghha l-konvenuta G invokat l-artikolu 81 (2) tal-Kodici Civili bhala ostakolu ghall-azzjoni attrici in kwantu l-konvenuta G akkwistat l-istat ta' bint legittima tal-attur u ghandha l-pussess tal-istat li jaqbel ma' tali att.

**Artikolu 81.**

*(1) Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu*.

Mill-provi jirrizulta illi llum il-gurnata il-pussess ta' stat tal-konvenuta G ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha u dan

peress li fuq insistenza taghha stess saru it-testijiet tad-DNA sew fuq l-attur kif ukoll fuq il-konvenuta G li minnhom irrizulta xjentifikament li l-attur ma hux il-missier naturali tal-konvenuta G.

Jekk il-konvenuta G riedet tipprotegi il-pussess ta’ stat ta’ bint imwielda fiz-zwieg kull ma kellha taghmel hi illi ma tiehux l-inizjattiva sabiex isiru testijiet tad-DNA fuqha u fuq l-attur. Effettivament l-inizjattiva tal-konvenuta G waslet sabiex gie skussat il-pussess ta’ stat ta’ tifla imwielda fiz-zwieg. Ir-rizultat xjentifiku gie mgharraf sew lill-konvenuta, sew lill-attur li allura sar jaf ghall-ewwel darba li hu ma hux il-missier naturali tal-konvenuta G.

Fil-fehma tal-Qorti, il-mod kif zviluppaw l-affarijiet f’dan il-kaz, il-fatt li fuq inizjattiva tal-konvenuta stess saret il-prova indiskutibbli li l-attur ma hux missier il-konvenuta, ma tistax issa l-konvenuta G tippretendi li tostakola lill-attur milli jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li ma hux missierha. Il-prova xjentifika nehhiet il-pussess ta’ stat imwieled fiz-zwieg li kellha l-konvenuta G u b’hekk l-azzjoni attrici ma ssibx l-ostakolu kontemplat fl-Artikolu 81(2) tal-Kodici Civili invokat mill-konvenuta.

Ghaldaqstant ir-raba eccezzjoni ser tigi respinta.

**Il-Hames Eccezzjoni**.

Fil-hames eccezzjoni taghha l-konvenuta G tirreferi ghall-Artikolu 70 li jistipula l-kwalita’ ta’ provi ammissibbli u rikjesti f’kawzi ta’ din ix-xorta.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha l-konvenuta G ssostni li ma ngabitx il-prova li bejn it-tlett mitt jum u l-mija u t-tmenin jum qabel it-twelid tal-konvenuta, l-attur kien fl-impossibilta’ li jghammar ma’ martu. Issostni wkoll li lanqas ingabet il-prova li mart l-attur ikkommettiet adulterju.

**Artikolu 70 tal-Kap.16**

**"***(1) Ir-raġel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieġ –*

*(a) jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fizika li jghammar ma' martu minhabba*
*li kien boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul dak iz-zmien ikun reġa' nghaqad ma' martu, ukoll jekktemporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternità.*

*(2) Id-dikjarazzjoni tal-omm fis-sens li zewġha mhux missier i t - t i f e l ghandha tinghata konsiderazzjoni f'kawza l i tkun tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternità tar-raġel.*

*(3) (Imhassar bl-Att XV. 2012.4).*

*(4) Ghar-rigward ta' tifel imwieled qabel l-1 ta' Dicembru, 1993, ir-raġel ikun jista' wkoll jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieġ ghar-raġunijiet elenkati fis-subartikolu (1) kif kienu fis-sehh wara dik id-data, jekk il-kawza ghac-cahda tal-gharfien tat-tifel tiġi prezentata mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru, 2008.*

*(5) Minghajr hsara ghad-dispozizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 73, jekk fis-sentenza taghha l-Qorti Civili (Sezzjoni tal- Familja) tiddikjara illi r-raġel mhux il-missier*

*naturali tat-tifel, din ghandu jkollha l-effett li tibdel il-kunjom tat-tifel u tad-dixxendenti tieghu minn dak tar-raġel ghall-kunjom xbubit l-omm.*"

Skond il-konvenuta G, ommha il-konvenuta B D kienet stqarret maghha li l-attur kien igeghla tipprostitwixxi ruhha. Semmitilha wkoll li kellha 'one night stand' ma' persuna bl-isem Spiru u li probabilment dan Spiru kien missierha u mhux l-attur.

Fil-fehma tal-Qorti tali dikjarazzjoni tal-omm maghmula lill-bintha tissodisfa dak dispost fis-sub-inciz 2 tal-artikolu 70 appena citat fis-sens li dikjarazzjoni tal-omm li zewgha mhux missier it-tifel taghha "ghandha tinghata konsiderazzjoni" f'kawza ta' denegata paternita'. Ix-xhieda tal-konvenuta G dwar dak li qaltilha ommha hija l-prova li l-konvenuta D ikkommettiet adulterju fiz-zmien li gie konceputa l-konvenuta G.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-hames eccezzjoni ser tigi respinta.

**Is-Sitt Eccezzjoni u s-Seba' Eccezzjoni**.

Is-sitt eccezzjoni hija wahda generika fis-sens li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u fis-seba' eccezzjoni l-konvenuta G teccepixxi li m'ghandiex tigi kkundannata thallas spejjez ta' din il-kawza,

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma li l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet hlief ghall-ispejjez tal-kuraturi deputati li ghandhom jithallsu mill-attur.

**Talba Attrici**.

Dr Isabelle Borg xehdet fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2012 u kkonfermat li hija hadet il-kampjuni tad-DNA tal-konvenuta G u tal-attur. Dr Marisa Cassar giet inkarigata sabiex taghmel it-testijiet fil-laboratorju u rrilaxxjat ic-certifikat li jinsab ezebiet a fol. 193 tal-process. Ix-xhieda ta' Dr Borg giet korroborata mix-xhieda ta' Dr Marisa Cassar moghtija

b’affidavit fit-12 ta’ Marzu 2012 u kkonfermat li l-attur ma hux missier il-konvenuta G.

Mill-provi prodotti jirrizulta sodisfacentement illi l-attur ma hux il-missier bijologiku tal-konvenuta G u dan peress li irrizultaw diversi cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 70 (1) tal-Kap. 16. fosthom ir-relazzjoni extra-matrimonjali tal-konvenuta D. Id-dikjarazzjoni tal-omm mal-konvenuta G qed tinghata wkoll l-konsiderazzjoni fit-termini tas-sub inciz 2 tal-artikolu 70 fuq citat pero’ l-prova krucjali huwa r-rapport xjentifiku tad-DNA li jeskludi kompletament li l-attur huwa missier il-konvenuta G.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta G,

1. Tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara li l-attur A C ma hux il-missier naturali tal-konvenuta E F G.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet hlief ghall-ispejjez tal-kuraturi deputati li ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------